# Regolamenti - Is-46 Edizzjoni (2022)

© L-Għanja tal-Poplu 1973 – 2022 (VO/0574)
W: www.ghanjatalpoplu.org E: info@ghanjatalpoplu.org
T: 21683761 M: 79923522

**Is-46 edizzjoni ta' *L-Għanja tal-Poplu – Festival tal-Kanzunetta Maltija***
**tittella' s-Sibt 30 ta' Lulju 2022**
**fi Pjazza Teatru Rjal bis-sehem tal-Malta Concert Orchestra,**
dejjem skont kif jippermettu r-regolamenti tas-saħħa.
Jekk din tkun impossibbli, il-kumitat joffri alternattiva.
**L-Għanja tal-Poplu huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**
**u l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.**

## 1. IL-FESTIVAL

**1.1** Il-festival *L-Għanja tal-Poplu - Festival tal-Kanzunetta Maltija* huwa festa ta' kanzunetti oriġinali bil-Malti, interpretati u akkumpanjati live bis-sehem tal-**Malta Concert Orchestra**.

**Il-festival hu organizzat mill-kumitat *L-Għanja tal-Poplu* bil-kollaborazzjoni tal-Malta Concert Orchestra u ta' Pjazza Teatru Rjal, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.**

**1.2** L-għanijiet ewlenin tal-festival huma:
(a) li jġib 'il quddiem il-kanzunetta Maltija ta' kwalità;
(b) li joħloq opportunità biex il-kompożituri u l-awturi jwasslu l-kanzunetta tagħhom lill-pubbliku Malti;
(ċ) li, anke wara l-festival, ikompli jgħin lill-artisti Maltin isibu udjenza dejjem ikbar għall-kanzunetta tagħhom.

**1.3** Il-festival jiżvolġi fi tliet fażijiet:

(a) l-ewwel fażi tal-għażla, li fiha mill-kanzunetti kollha sottomessi jintgħażlu numru ta' semifinalisti;
(b) It-tieni fażi tal-għażla, li fiha jinstemgħu l-kanzunetti semifinalisti live, u minnhom jintgħażlu l-kanzunetti finalisti;
(ċ) Is-serata finali, *L-Għanja tal-Poplu*, li se ssir is-Sibt 30 ta' Lulju 2022, fejn jitħabbru r-rebbieħa.

## 2. IL-KANZUNETTI

**2.1** Biex jidħlu għall-festival il-kanzunetti jridu jkunu:
(a) oriġinali, jiġifieri l-lirika u l-mużika tagħhom qatt ma jkunu ġew ippubblikati jew imxandra;
(b) b'lirika bil-Malti;
(ċ) mhux itwal minn tliet minuti u ħamsa u erbgħin sekonda.

**2.2 It-tema tal-kanzunetta hija libera**, jiġifieri l-awtur jista' jikteb fuq dak li jrid.

Dan il-festival jinkoraġġixxi l-kitba ta' kanzunetti ta' kwalità li jesprimu l-ħsibijiet, l-esperjenzi, il-gosti, ix-xewqat, ir-relazzjonijiet u l-aspirazzjonijiet kemm fuq bażi personali, kemm bħala poplu fuq din il-gżira, kemm bħala ċittadini tad-dinja. Kanzunetti b'tema ta' mħabba jew ħbiberija, umoristiċi jew satiriċi, eċċetra, għandhom ukoll post f'dan il-festival. Napprezzaw kanzunetti bi ħsibijiet sinċieri u ġenwini li jesprimu l-esperjenza tal-awtur.

**2.3 L-istil mużikali huwa liberu.**
Il-lingwa Maltija tadatta ruħha sew biex tkun interpretata b'diversi stili mużikali. Tajjeb għaldaqstant li wieħed jesplora idjomi u stili ġodda u innovattivi.

**2.4** Dawn il-kriterji se jintużaw mill-ġurija waqt l-aġġudikazzjoni tagħhom u għandhom ukoll jgħinu sabiex wieħed jikteb kanzunetta ta' kwalità:

| |
|---|
| · Il-kanzunetta għandha ħsieb ċar u magħqud |
| · Il-kanzunetta mqassma sew f'dawk li huma versi, chorus eċċ. Dan ma jeskludix forom differenti minn tas-soltu. |
| · Il-kliem tal-kanzunetta jinftiehem sew (attenzjoni għall-aċċent tal-kelma kemm waqt il-kitba tal-kanzunetta kif ukoll fl-interpretazzjoni). |

| |
|---|
| · Kliem li jqanqal emozzjoni tas-semmiegħ |
| · Il-kliem tista' tkantah u memorabbli |
| · Il-kliem imqiegħed tajjeb flimkien |

| |
|---|
| · Il-mużika u l-melodija jżidu l-emozzjoni tal-kanzunetta |
| · Il-mużika żżomm lis-semmiegħ interessat u involut |
| · Il-kliem u l-mużika mżewġin sew flimkien |

| |
|---|
| · Il-kanzunetta tesprimi t-tema b'mod frisk u ġdid |
| · Il-melodija hija tal-widna u tibqa' tiftakarha |
| · Il-kanzunetta tappella għall-poplu |

**** Nota:** Dwar l-arranġament mużikali - m'hemmx għalfejn li jintużaw l-istrumenti kollha provduti fl-orkestra. Kultant l-użu ta' strument/i li jispikka/w jagħti/u karattru lill-kanzunetta u xi strumenti oħra jekk hemm bżonn, jistgħu jintużaw fl-isfond.

**2.5** Il-kanzunetti b'tema vulgari u/jew ta' propaganda partiġġjana ma jiġux aċċettati.

**2.6** Persuni involuti fl-organizzazzjoni tal-festival kif ukoll id-diretturi tal-orkestra ma jistax ikollhom sehem fil-kanzunetti li se jkunu sottomessi fil-festival.

## 3. IS-SOTTOMISSJONI TAL-KANZUNETTI

Is-sottomissjoni tal-kanzunetti se tkun online. Sottomissjonijiet se jintlaqgħu mit-Tnejn 28 ta' Frar **sal-Ġimgħa 18 ta' Marzu sat-8pm.**

Biex tissottometti kanzunetta, imxi ma' dawn l-istruzzjonijiet:

Idħol fil-link tal-**Applikazzjonijiet** www.ghanjatalpoplu.org/sottomissjoni-2022/ u segwi l-istruzzjonijiet. Semmi kull fajl (f'a, b u ċ hawn taħt) bl-isem tal-kanzunetta.

(a) Ehmeż fajl tal-kanzunetta format mp3 bil-vuċiji/iet. Semmi dan il-fajl hekk: **isem tal-kanzunetta.mp3**

F'dan l-istadju r-recording mhux bilfors ikun wieħed finalizzat u professjonali.

b) Ehmeż dokument **pdf** bil-lirika tal-kanzunetta miktuba b'Malti tajjeb u bit-tipa tal-Malti. Tiktibx ismijiet ta' awturi, kompożituri jew kantanti f'dan id-dokument. Semmi dan il-fajl hekk: **isem tal-kanzunetta_lirika**

(ċ) Ehmeż scan (preferibilment **pdf**) tal-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni, mimlija u ffirmata mill-awtur u l-kompożitur. Semmi dan il-fajl hekk: **isem tal-kanzunetta_applikazzjoni**

(d) Ħallas kontribuzzjoni ta' €60 – Tista' tħallas permezz tal-Paypal jew bank transfer. Fil-każ ta' bank transfer, fil-"payment reference" ikteb isem il-kanzunetta. *L-Għanja tal-Poplu* jibgħat konferma li l-applikazzjoni ġiet milqugħa. F'każ ta' diffikultà li tħallas bl-internet iktbilna minn qabel f'dan l-email: ghanjatalpoplu@gmail.com.

## 4. L-ELIMINATORJI

**4.1** Il-ġurija tal-eliminatorja tiġġudika u se tagħmel enfasi qabelxejn fuq il-kwalità tal-lirika kif ukoll il-melodija tal-kanzunetti u r-rabta ta' bejniethom. F'dan l-istadju mhux mitlub *recording demo* ta' kwalità professjonali.

**4.2** Fl-ewwel eliminatorja, il-ġurija tagħżel numru ta' kanzunetti semifinalisti minn fuq ir-rekording. Il-punti se jingħataw skont il-kriterji 2.4.

**4.3** Għas-semifinali, ir-recording tal-backing vocals kif ukoll l-orkestrazzjoni jkunu bħalma se jkunu ppubblikati.

**4.4** Fil-finali l-kanzunetti jridu jkunu interpretati minn kantanti differenti. Kantant/a jista' jkanta sa żewġ kanzunetti fis-semifinali. F'każ li jkunu se jgħaddu ż-żewġ kanzunetti, il-ġurija tagħżel biss dik il-kanzunetta li tkun marret l-aħjar.

**4.5** Iċ-chairperson tal-ġurija flimkien mal-ġurija jridu jassiguraw li s-serata finali tkun ta' kwalità u jkun hemm varjetà.

**4.6** Kanzunetta li tkun intgħażlet bħala finalista ma tistax tiġi rtirata mis-serata finali jew mill-pubblikazzjoni uffiċjali tal-festival.

## 5. IL-FAŻI FINALI

**5.1** Kull parteċipant (awtur, kompożitur u kantant) ta' kanzunetta ppreżentata fis-serata finali tal-festival għandu jkollu/ha sittax-il sena jew iktar sat-30 ta' Lulju 2022.

**5.2** Fis-serata finali, il-Malta Concert Orchestra se tkun għad-dispożizzjoni ta' dawk li jridu jagħmlu użu mis-servizz tagħha.

Il-finalisti jridu jiddikjaraw kif se tkun akkumpanjata l-kanzunetta. Jeżistu żewġ possibiltajiet:
**Jew**
(a) li l-parteċipanti jkantaw u jakkumpanjaw il-kanzunetta huma stess waħedhom, u jsiru l-provi meħtieġa fejn tkun assigurata l-kwalità. F'każ li tieħu sehem band, din ma jkunx fiha iktar minn sitt persuni.
**jew**
(b) li l-kantant jkun akkumpanjat mill-orkestra; u jekk ikun hemm bżonn jinkludi strument jew tnejn a spejjes tal-parteċipant stess.

F'kull każ, jekk ikun hemm bżonn tista' tintuża l-click track.

**5.3** L-arranġament tal-orkestra jista' jsir mill-kompożitur innifsu jew mid-direttur tal-orkestra. L-orkestrazzjoni tkun ibbażata fuq ir-rikording finali tal-kanzunetta.

(a) **Il-kumitat organizzattiv iħeġġeġ lill-kompożituri tal-kanzunetti finalisti sabiex l-orkestrazzjoni ssir minnhom stess. ** Ara nota dwar l-orkestrazzjoni fl-aħħar ta' Sezzjoni 2.4 ****
**Jew**
(b) li jipprovdu manuskritt tal-melodija bil-partitura tal-pjanu (piano score sheet) jew melodija bil-chords sas-7 ta' Mejju 2022 u l-orkestrazzjoni ssir mid-direttur/i tal-orkestra. Id-diretturi tal-orkestra Pjazza Teatru Rjal ikollhom id-dritt jagħmlu kull tibdil u titjib meħtieġ fl-arranġamenti. F'kull każ ta' orkestrazzjoni, l-aħħar deċiżjoni hija dik tal-kumitat organizzattiv.

**5.4** Il-formazzjoni massima tal-orkestra (li dejjem tiddependi mir-regolamenti tas-saħħa) tkun din:

3 Trombi (1st, 2nd and 3rd Trumpets)
Sassofonu Tenur (Tenor Saxophone)
2 Sassofoni Alti (1st and 2nd Alto Saxophones)
2 Korni (1st and 2nd French Horns)
2 Trumbuni (1st and 2nd Trombones)
Pjanu (Piano)
1 Synth / Keyboard
2 Kitarri (2 Guitars - Acoustic or Electric)
Bass Guitar (Bass Guitar)
Drum Kit (Drum Kit)
Perkussjoni (Percussions)
Vjolini: primi u sekondi (1st and 2nd Violins)
Vjoli (Violas)
Vjolinċelli (Cellos)

## 6. APPUNTAMENTI

**6.1**

| | |
|---|---|
| Mill-Ġimgħa 25 ta' Frar sal-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022 sal-10 PM | Sottomissjoni tal-kanzunetti online |
| Bidu ta' April 2022 | Jitħabbru l-kanzunetti semifinalisti. Is-semifinalisti mitluba jibagħtu r-recorded backing format MP3 high quality fi żmien ġimgħa. |
| Mit-18 ta' April sal-24 ta' April 2022 | Is-semifinali – kanzunetti kantati live quddiem il-ġurija. Wara jitħabbru l-finalisti.<br>Is-semifinalisti jridu jibagħtu recorded backing tal-kanzunetta li jista' jinkludi backing vocals. |
| Sat-30 ta' April 2022 | Se jsiru laqgħat individwali dwar produzzjoni ta' song videos. Il-finalisti mitluba jattendu u jikkooperaw mal-vidjografi. Is-song videos jittieħdu f'dati assenjati f'Mejju. |
| Sas-7 ta' Mejju 2022 | - Jintbagħtu r-radio version format wav għall-pubblikazzjoni tas-CD u videos tal-kanzunetti.<br>- Jintbagħtu wkoll il-'piano score sheets' tal-kanzunetti finalisti ta' dawk il-parteċipanti li mhux se jipprovdu l-arranġament mużikali.<br>- Issir komunikazzjoni bejn id-diriġent tal-orkestra u l-kompożitur tal-kanzunetta. |
| Matul Ġunju 2022 | Sehem fi programmi fuq it-TV u r-Radju. Il-parteċipanti mitluba jipparteċipaw. |
| Mit-Tnejn, 18 ta' Lulju 2022 | Jibdew il-provi mal-orkestra. |
| Is-Sibt, 30 ta' Lulju 2022 | Il-finali tal-festival *L-Għanja tal-Poplu* |

**6.2** Il-finalisti jridu jkunu lesti li jieħdu sehem f'intervisti fuq diversi programmi fuq it-TV u r-radju, f'filmati u sessjonijiet ta' ritratti li jittieħdu qabel il-festival, u fil-provi kollha u s-serata finali.

## 7. IS-SERATI FINALI

**7.1** Il-kanzunetta li titkanta fil-finali trid tkun l-istess kanzunetta, fil-lirika u l-melodija, li tkun ġiet ippreżentata fl-eliminatorja. Korrezzjonijiet fl-istadju finali jistgħu jsiru bl-approvazzjoni tal-kumitat organizzattiv.

**7.2** Filwaqt li wieħed għandu jippreżenta u jinterpreta l-kanzunetta bl-iktar mod xieraq għas-suġġett, ta' min ifakkar li l-esaġerazzjoni fil-moviment, fl-ilbies, fiż-żfin, fil-mima, eċċ. tista' taljena l-attenzjoni tal-udjenza mil-lirika u l-melodija, li huma l-qofol tal-kanzunetta. **Fuq il-palk permessi biss kantanti u mużiċisti.**

## 8. IL-PREMJIJIET

**8.1** Il-premjijiet lill-awturi u l-kompożituri tal-kanzunetti kklassifikati fl-ewwel tliet postijiet jikkonsisti fi trofew għall-awtur, ieħor għall-kompożitur u trofew ieħor lill-kantant/a, kif ukoll:

- €1500 lill-kanzunetta kklassifikata fl-ewwel post rebbieħa ta' *L-Għanja tal-Poplu*;
- € 800 lill-kanzunetta kklassifikata fit-tieni post;
- € 500 lill-kanzunetta kklassifikata fit-tielet post.

**8.2** L-awtur u l-kompożitur tal-kanzunetta rebbieħa tal-festival jingħatalhom it-trofew ***L-Għanja tal-Poplu*** li jinżamm sal-edizzjoni tal-festival ta' wara.

**8.3** Il-premjijiet jinkludu wkoll:
- trofew lill-kantant/a jew grupp b' **L-Aħjar Interpretazzjoni**;

trofew għall-**Kanzunetta bl-Aħjar Tema Soċjali**;

- trofew: għall-**Aħjar Kantawtur** fis-serata finali.

*(*Għall-iskop ta' dan il-festival KANTAWTUR tfisser "persuna /grupp li jinterpreta kanzunetta bi kliem u mużika tal-persuna / grupp stess")*

## 9. IL-PUBBLIĊITÀ U S-CD TAL-FESTIVAL

**9.1** *L-Għanja tal-Poplu* jżomm id-dritt li jxandar u jippubblika l-kanzunetti u r-recordings tal-festival. Id-drittijiet tal-kanzunetta jkunu ta' *L-Għanja tal-Poplu* flimkien mal-awturi u kompożituri. F'każ ta' pubblikazzjonijiet, il-kompożituri u l-awturi għandhom jagħtu kreditu lil *L-Għanja tal-Poplu*.

**9.2** Bħal kull sena, il-kumitat tal-festival jippubblika CD/USB uffiċjali tal-festival bil-kanzunetti finalisti kollha. Ir-recording radio version ta' dawn il-kanzunetti jrid ikun lest sas-7 ta' Mejju 2022. Il-ħsieb huwa li dawn ir-rikordings jintużaw fuq il-media soċjali, fuq Soundcloud, Spotify u fuq is-sit tal-festival.

**9.3** L-organizzaturi tal-festival ikollhom id-dritt jinkludu l-kanzunetti finalisti fis-CD/USB tal-festival u jbigħu s-CD/USB, u jxandru l-kanzunetti u videos tagħhom fuq il-mezzi tal-media u fuq l-internet.

## 10. NOTA FINALI

Dawn ir-regolamenti huma suġġetti għal tibdiliet mill-kumitat *L-Għanja tal-Poplu*. Id-deċiżjonijiet tal-bord ta' *L-Għanja tal-Poplu* u taċ-Chairperson tal-ġurija huma finali.

*Is-sehem tiegħek f'dan il-festival għandu jkun esperjenza pożittiva għall-karriera tiegħek. Għalhekk inħeġġuk tipparteċipa. Jekk għandek xi mistoqsija jew diffikultà, nistednuk tikkuntattjana permezz tal-email info@ghanjatalpoplu.org . Min-naħa tagħna, se nżommuk aġġornat/a b'dak li jkun qed jiġri permezz tas-sit www.ghanjatalpoplu.org u facebook: ghanjatalpoplu*

*Jekk għandek xi ħbieb li jista' jinteressahom li jieħdu sehem fil-festival, ħajjarhom jipparteċipaw.*

© L-GĦANJA TAL-POPLU (2022)